# AVVIŻ
# MIS-SEMINARJU MINURI U MILL-ISKOLA SEKONDARJA TAL-KONSERVATORJU TAL-ISQOF TAD-DJOĊESI T'GĦAWDEX

Il-ġenituri/kustodji tal-Istudenti ta' Year 6 illi:-

a. jattendu fl-iskejjel Primarji tal-Knisja f'Għawdex; jew

b. jattendu fl-iskejjel Primarji tal-Gvern f'Għawdex imma li huma:-

   i. subien li ħuthom jattendu fis-Seminarju jew bniet li ħuthom jattendu fl-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof;

   ii. subien li xi ġenitur tagħhom jaħdem/taħdem fis-Seminarju Minuri jew bniet li xi ġenitur tagħhom jaħdem/taħdem fil-Konservatorju tal-Isqof

c. jattendu fl-iskejjel Primarji tal-Knisja u tal-Gvern f'Għawdex li għandhom LSA. (Dawn l-istudenti ma jidħlux b'mod awtomatiku fl-Iskejjel Sekondarji tal-Knisja, imma l-applikazzjoni tagħhom tiġi kkunsidrata u minnhom jiġu aċċettati skont il-possibiltajiet tal-iskola rispettiva, skont il-kriterji stabbiliti u f'konformita mal-liġi)

mitluba jirreġistraw lil uliedhom għad-Dħul fl-Ewwel Klassi tas-Seminarju Minuri u tal-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof **nhar it-Tnejn u t-Tlieta, 27 u 28 ta' Jannar mid-9:00 a.m. sal-11.30 a.m.**

L-applikazzjonijiet għat-tfal subien jimtlew fis-Seminarju Minuri waqt li għat-tfal bniet jimtlew fl-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof (dħul mill-*parking* tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex).

Min japplika mitlub jieħu miegħu:

a. Ċertifikat oriġinali tat-Twelid tat-tifel/tifla,
b. żewġ ritratti riċenti tal-passaport tiegħu/tagħha,
c. fil-każ ta' student bl-L.S.A. iċ-ċertifikat tal-Psikologu
d. fil-każ ta' student bl-L.S.A. iċ-ċertifikat tal-*Istatementing Board*.
e. Tkun mitluba wkoll il-Karta tal-Identita' tal-Ġenituri.
f. It-tfal iridu jkunu mwielda bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2003.
g. Isir ħlas ta' €14 mal-applikazzjoni.

Aktar 'il quddiem toħroġ applikazzjoni oħra għal dawk li jattendu fil-Year 6 fl-Iskejjel Primarji tal-Gvern f'Għawdex sabiex jimtlew il-postijiet vaganti li jkun għad fadal fis-Seminarju Minuri t'Għawdex jew fl-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof.